MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru. 223/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**Reginald Bugeja ta' 36 sena, imwieled Pieta nhar il-5 ta' Novembru, 1972, bin Paul u Doris nee` Hole u residenti gewwa 26, College Street, Rabat, pero prezentement qed jiskonta sentenza fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 505272M**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-7 ta' Lulju 2006 fejn wara illi ippremetta :

Illi l-imputat Reginald Bugeja kien nhar it-18 ta’ Novembru 2004, instab hati minn dina l-Onorabbli Qorti ta’ diversi reati fosthom serq aggravat, pussess tad-droga eroina, hsara volontarja u kif ukoll talli wettaq dawn ir-reati fil-perijodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament ippresjeduta nhar is-6 ta’ Ottubru 2000 u fil-11 ta’ Ottubru 2000 rispettivament.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet permezz ta’ sentenza moghtija nhar it-18 ta’ Novembru 2004 ikkundannat lill-imputat multa ta’ Lm500 u kif ukoll estendiet il-perijodu operattiv taz-zewg sentenzi sospizi imsemmija hawn fuq liema perijodu kellu jerga’ jibda jghodd minn dakinhar tas-sentenza.

Illi nhar il-20 ta’ Frar 2006, l-imputat Reginald Bugeja rega’ instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif ippresjeduta mill-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D. ta’ diversi reati fosthom serq aggravat u kif ukoll talli wettaq dawn ir-reati fil-periodu operattiv tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta’ Novembru 2004 fejn kien gie estiz il-perijodu operattiv ta’ zewg sentenzi ohra hekk kif spjegat hawn fuq.

Illi nhar il-11 ta’ Mejju 2006, il-Qorti ta’l-Appell Kriminali kienet ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta’ nhar il-20 ta’ Frar 2006 fejn l-imputat instab hati tar-reati in kwistjoni izda irrevokata in kwantu ghas-seba’ akkuza fejn il-Qorti tal-Magistrati kienet ordnat li s-sentenza tat-18 ta’ Novembru 2004 tigi reza operattiva u dana ghaliex fis-seba akkuza ma kien hemm l-ebda referenza ghas-sentenzi precedenti tas-6 ta’ Ottubru 2000 u tal-11 ta’ Ottubru 2000. Minflok il-Qorti ta’l-Appell irriservat favur il-prosekuzzjoni kull dritt li tagixxi skond il-procedura kontemplata fl-artikolu 28D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ir-rikorrenti talab sabiex tinhareg citazzjoni li biha l-imputat Reginald Bugeja jigi ordnat li jidher quddiem il-Qorti f’data u hin specifikat fiha jew sabiex jinhareg mandat ghall-arrest tieghu biex huwa jidher quddiem il-Qorti sabiex jigi

ittrattat dwar iz-zewg sentenzi sospizi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Ottubru 2000 u tal-11 ta’ Ottubru 2000 rispettivament, hekk kif estizi bis-sentenza ta’ dina l-Qorti tat-18 ta’ Novembru 2004, u dana kif jipprovdi l-artikolu 28D(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-digriet precedenti taghha tat-3 ta’ Awissu 2006 fejn ir-rikors kien gie appuntat ghas-smiegh sabiex l-imputat jigi itrattat dwar il-ksur tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu kif mitlub mir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar dana ir-rikors.

Ikkunsidrat,

Illi fid-9 ta’ April 2001, l-imputat kien gie imressaq quddiem dina l-Qorti akkuzat fost affarijiet ohra b’serq aggravat u pussess ta’ droga eroina. Illi huwa kien akkuzat ukoll illi ikkommetta dawna ir-reati fil-perijodu operattiv ta’zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta(Malta) wahda tas-6 ta’ Ottubru 2000 deciza mill-Magistrat Miriam Hayman, u l-ohra tal-11 ta’ Ottubru 2000 deciza mill-Magistrat Jacqueline Padovani Grima.

Illi fil-mori ta’ dina l-kawza, u dana kif jirrizulta mill-fedina penali esebieta bhala Dokumenti JF1 a fols. 105 et seq. tal-process, l-imputat kien rega gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) dina id-darba kif ippresjeduta mill-Magistrat, illum Imhallef, Noel Cuschieri b’akkuzi ohra ta’ pussess ta’ droga eroina, kif ukoll rega’ gie akkuzat illi ikkometta dawn ir-reati fil-perijodu operattiv taz-zewg sentenzi sospizi tal-11 ta’ Ottubru 2000 u tas-6 ta’ Ottubru 2000, indikati iktar ‘il fuq, fost sentenzi ohra, liema kawza giet deciza fil-25 ta’ April 2002 (ara Dokument NC a fol.135 tal-process), fejn dik il-Qorti in konnessjoni ma’ dina l-akkuza applikat dak dispost fl-artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi sussegwentement dawna l-istess akkuzi u cioe’ l-akkuza dwar is-sentenzi sospizi regghu gew decizi minn dina l-Qorti kif ippresjeduta mill-Magistrat Joseph Cassar (ara sentenza a fol.47 tal-process), fejn imbaghad il-Qorti estendiet il-perijodu operattiv ta’ dawna z-zewg sentenzi sospizi ghal perijodu ta’ erba snin dekoribbli mid-data ta’l-istess sentenza..

Fis-sena 2005, imbaghad l-imputat rega’ tressaq quddiem il-Qorti fuq diversi akkuzi, fosthom illi huwa rega’ ikkometta reat waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza moghtija minn dina l-Qorti kif ippresjeduta mill-Magistrat Joseph Cassar, liema sentenza estendiet il-perijodu operattiv taz-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta’ Ottubru 2000 u tal-11 ta’ Ottubru 2000, kif diga inghad. Illi l-Qorti tal-Magistrati, kif ippresjeduta mill-Magistrat Saviour Demicoli b’sentenza tal-20 ta’ Frar 2006, wara ammissjoni min-naha ta’l-imputat, kienet sabitu hati ta’ dina l-akkuza fost akkuzi ohra u irrendiet operattivi iz-zewg sentenzi ta’ prigunerija sospizi u ikkundannatu ghal sentejn u tmien xhur habs komplessivament ghar-rigward ta’ dina l-akkuza. Illi madanakollu permezz ta’ sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali tal-11 ta’ Mejju 2006, l-imputat gie illiberat minn dina is-seba akkuza u dana peress illi l-Qorti irriteniet illi imputat ma kienx ikkometta reat waqt il-peijodu operattiv tas-sentenza tat-18 ta’ Novembru 2004, liema sentenza l-Qorti stqarret ma kenitx fiha piena ta’ prigunerija, izda kienet biss estendiet il-perijodu operattiv taz-zewg sentenzi hawn fuq indikati, u kwindi ghaddiet sabiex illiberat lill-imputat minn dina l-akkuza, izda irriservat favur il-Kummissarju tal-Pulizija id-dritt li jagixxi ai termini ta’l-artikolu 28D tal-Kapitolu 9.

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ghalhekk agixxa ai termini ta’l-imsemija disposizzjoni tal-ligi permezz tal-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat,

Illi kif jidher mill-*iter* tal-kawzi li saru fil-konfront ta’l-imputat, jew il-hati, huwa ikkometta diversi reati matul il-

perijodu operattiv taz-zewg sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kif ippresjeduti mill-Magistrat Miriam Hayman u mill-Magistrat Jacqueline Padovani Grima, anke kif estiza minn dina l-Qorti kif ippresjeduta mill-Magistrat Joseph Cassar, tant illi huwa gie akkuzat iktar minn darba b’dina l-akkuza. Fuq kollox, mhux biss hekk, izda kif jidher mis-sentenzi hawn fuq iccitati, l-imputat gie misjub anke hati ta’ dina l-akkuza ghal iktar minn darba wahda! Illi gialdarba dina l-akkuza kienet diga giet deciza b’sentenza tal-25 ta’ April 2002, fejn il-Qorti kienet applikat dak dispost fl-artikolu 28B(2)(a), allura l-imputat qatt ma messu rega’ gie misjub hati ta’ dina l-akkuza u kien dmir tal-proskeuzzjoni illi tirtira dina l-akkuza fil-kawza odjerna, qabel ma il-Qorti ghaddiet sabiex tippronunzja ruhha fuq l-istess.

Illi l-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi z-zewg sentenzi sospizi, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta f’Ottubru tas-sena 2000, ultra li gew diga ikkunsidrati minn dina l-Qorti u kwindi hawnhekk wiehed ma jistax ighid illi ghal dana jista jigi applikat dak dispost fl-artikolu 28D, kif mitlub mill-Kummissarju tal-Pulizija fir-rikors tieghu.

Dina il-Qorti ghalhekk thoss illi jekk hija tghaddi sabiex terga’ tipprocessa lill-hati ghar-rigward ta’ dina l-akkuza, hawnhekk ser ikun hemm vjolazzjoni lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif imharsa mill-Kostituzzjoni taghna (ara artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni).

Illi fi kwalunkwe kaz,  il-Qorti taqbel perfettament mat-tezi sollevata mid-difiza, illi gialadarba l-imputat kien diga gie imressaq quddiem il-Qorti akkuzat illi ikkometta reat matul il-perijodu operattiva tas-sentenza moghtija minn dina l-Qorti tat-18 ta’ Novembru 2004, minn liema akkuza l-imputat kien gie illiberat permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-11 ta’ Mejju 2006, dina l-Qorti ghalhekk, kif ippresjeduta ma tistax titratta mal-hati in konnessjoni ma’l-istess sentenza, minn liema akkuza huwa diga gie illiberat!

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, il-Qorti qieghda tichad it-talba tal-Kummssarju tal-Pulizija tas-7 ta' Lulju 2006 u dana peress illi l-hati diga gie itrattat ghar-rigward tas-sentenzi sospizi indikati fir-rikors promotur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------